# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 5 ta' Dicembru, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. numru 126/96 GV**

**Joseph u Marika konjugi Vassallo**

**vs**

**Anthony u Rita konjugi Bondin**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fid-29 ta' Ottubru 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza :-

"Il-Qorti,

**<u>PRELIMINARI</u>**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi l-ammonti ta' sebat elef, tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm4,370.00c0) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' self brevi manu li l-istess atturi ghamlu lill-konvenuti.
Premess illi l-atturi sejhu diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsuhom il-bilanc imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u l-atturi qed jannettu ma' dan l-att affidavit ghal-iskop tal-istess artikoli msemmija.

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija :-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' erbat elef, tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm4,370.00c0) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' self brevi manu li l-istess atturi ghamlu lill-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-ewwel (1) ta' Novembru 1995, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 3037/95 u tal-Mandat ta' Qbid numru 3035/95 ipprezentati fl-erbatax (14) ta' Novembru 1995 u bl-imghax legali, kollha kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol 3.

Rat is-setenza tat-tmintax (18) 1995 u dika ta' l-Appell tal-hdax (11) ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 50 fejn eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li qatt ma sar ebda self minn naha tal-atturi lill-konvenuti u minabba f'hekk ma jistax ikun li hemm xi bilanc minn naha tal-konvenuti li huwa dovut ;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol 60.

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju u t-30 ta' Gunju 1999.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat ir-rikors tal-konvenuti.

Rat is-sentenza tat-18 ta' Jannar 1996 u dika ta' l-Appell tal-11 ta' Mejju 1998.

**PROVI**

**Marika Vassallo**, mart Joseph Vassallo, xehdet li l-konvenut kien matul perjodu ta' zmien jisseppef flus minghand ir-ragel taghha. Dan kien jissellifhom biex jixtri l-haxix u l-annimali. Il-konvenut f'xi okkazjonjiet ghamel pagamenti lura anke lilha. Kien fadallu bilanc ta' Lm4,370. Kienu talbu lill-konvenut ghal bilanc, izda dana talabhom zmien biex ihalla. Zewgha kien talab lill-konvenut biex jaghmel kuntratt biex jintrabat biz-zmien, u biex jaghmel kuntratt ukoll fuq id-dejn li kellu m'ommu Antonia Vassallo. Il-konvenut kien accetta pero' meta kellu jmur biex jaghmel il-kuntratt ma tfaccax. Kien mar anke n-Nutar Gafa' u dan issuggerixxa li l-konvenut jiffirma kambjali, u kien anke pprepara kambjala, izda l-konvenut baqa' ma jridx jiffirma.

Ix-xhud ikkonfermat li Bondin kien iffirma d-dokument a fol 58. Hi kienet tnizzel kemm il-konvenut kien fadallu jaghti fuq karta. Imbaghad ghamlu l-karta a fol., 58 u l-konvenut iffirmaha.

**Joseph Vassallo** kkonferma d-dikjarazzjoni li hemm mac-citazzjoni u dak li xehdet martu. Il-konvenut kien iffirma karta (Dok AE1 fol. 58) fejn iddikjara li kellu jaghti s-somma ta' Lm4,370 u kellu jhallas b'pagamenti ta' Lm300 fix-xahar. Izda l-konvenut ma hallasx xejn. Il-konvenut kien anke accetta li jiffirma kuntratt izda l-istess ma wasalx. Kien anke talab lill-konvenut jiffirma kambjala (Dok AE2 fol 59) izda dana ma ffirmahiex. Kien kiteb ufficjalment lill-konvenut biex ihallas izda dana rrisponda li qatt ma ssellef xejn minghandu, li pero' mhu veru xejn. Wara s-sentenza tat-tmintax (18) ta' Jannar 1996, hu beda jircievi mill-Korporazzjoni Enemalta pagamenti ghan-nom tal-konvenut li b'kollox lahqu ghal Lm643.

**Antonia Vassallo**, omm Joseph Vassallo, xehdet li kienet issellef flus lill-konvenut. Dan kien fadallu bilanc ta' Lm2,770. Minn dawn kien hallas Lm870. Dok AV a fol 64. Il-konvenut kien ihallasha quddiem ir-ragel taghha Nicholas Vassallo. Kienet selfitu Lm150 biex isewwi l-vann. Hi talbet kemm-il darba lill-konvenut biex ihallas izda dana ma wasalx. Ikkonfermat li l-konvenut kien lest li anke jiffirma kuntratt izda lanqas ma wasal. Ikkonfermat li l-konvenut kien lest li anke jiffirma kuntratt izda lanqas ma wasal. Kienet taghtu kambjala biex jiffirmaha izda qatt ma mar lura biha. Meta hi interpellatu ufficjalment biex ihallas, il-konvenut irrispondiha li qatt ma ssellef xejn minghandha. Wara li

nqatghet il-kawza f'Jannar 1996 hi rceviet is-somma ta' Lm643 minghand l-Enemalta.

**Nicholas Vassallo,** r-ragel ta' Antonia Vassallo, kkonferma dak li qalet martu. Il-konvenut kien ihallas u baqghalu bilanc ta' Lm2,150.

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' Lm4,370 rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' self brevi manu.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li t-talbiet attrici huma nfondati stante li qatt ma sar ebda self minn naha tal-atturi lill-konvenuti .

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta sodisfacentement li l-konvenuti ghandhom jaghtu s-somma mitluba. Jirrizulta wkoll li l-atturi rcevew pagamenti ammontanti ghal Lm643 minghand l-Enemalta ghan-nom tal-konvenut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motiivi, l-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici ghas-somma ta' Lm1,507 (elf, hames mija u sebgha liri Maltin, cioe' Lm2,150 tnaqqas Lm643).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti. L-aggravju taghhom fil-mertu hu redatt f'dawn it-termini semplici :- "Illi fil-mertu ghandu jinghad illi l-ewwel Qorti ma tidhirx li qatt hadet in konsiderazzjoni r-risposti ghad-domandi li saru lill-atturi in kontro-ezami parzjali li kellha

quddiemha. Fil-fatt dawn ir-risposti lanqas biss ma huma msemmja la fil-provi u wisq anqas fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata."

Ghall-kumplament l-aggravji kollha tal-appellanti jikkonsistu f'ilment dettaljat dwar il-kondotta tal-proceduri mill-ewwel Qorti li, skond l-istess appellanti ippregudikalhom id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq billi l-ewwel Qorti ma tathomx l-opportunita' illi jipproducu l-provi taghhom. Huma jilmentaw bil-mod kif l-Imhallef Supplenti nominat mill-Qorti kkonduca l-ezami u l-kontro-ezami tal-atturi. Huma jilmentaw illi ma kienux inghataw l-opportunita' adegwata biex jiffinalizzaw din il-prova fis-seduta li zamm ghal dan il-fini. L-ilment tal-appellanti hu fis-sens illi l-Imhallef Supplenti nsista li jkompli jircievi d-deposizzjoni in kontro-ezami nonostante li kien skada l-hin allokat ghas-seduta wara li hu stess kien allegatament wasal tard ghaliha. Ilment dan ghal kollox inaccettabbli ghal din il-Qorti ghax nieqes mir-raguni u hu xhieda ta' inflessibbilita' ta' min ma kellux ghagla biex il-process jigi ffinalizzat u tempestivament deciz.

Cio' nonostante din il-Qorti kienet forsi taghti xi ftit kredibbilita' lill-aggravju li kieku l-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi fuq il-provi akkwiziti quddiem l-Imhallef Supplenti. Mill-atti pero' jirrizulta - u dan hu wkoll ammess mill-appellanti - illi l-ewwel Qorti, b'sens ta' gustizzja li jmur oltre dak li forsi kien lilha konsentit fic-cirkostanzi, akkordat zewg seduti fi zmien xahar biex il-konvenuti jkunu jistghu jikkonkludi l-prova li kienet

qed issir quddiem l-Imhallef Supplenti u jipproducu kull prova ohra in difiza tal-eccezzjonijiet minnhom moghtija. “Il-konvenuti bi zvista m’attendewx” ghal dawn is-seduti u l-ewwel Qorti kienet allura iktar milli gustifikata li tiddikjara l-istadju tal-provi definittivament maghluq u tghaddi minnufih ghall-ghoti tas-sentenza. M’hemmx ghalfejn jinghad wisq dwar l-import tal-principju “audi alteram partem” fis-sens illi dan ma kienx jimporta illi l-parti in kawza setghet tabbuza bil-process gudizzjarju u taghzel li tinjora d-direttivi tal-Qorti fil-kondotta tal-proccess. Kien principju li jobbliga lill-parti ghall-kuntrarju illi ssegwi ad ungwem r-regoli procedurali kemm dawk statutorji kif ukoll dawk moghtija mill-gudikant ghall-ahjar prosegwiment tal-process. Jekk wiehed jaghzel li jinjora dawn ir-regoli jaghmel dan a riskju tieghu. Certament il-Qorti kienet obbligata illi tassigura illi mhux biss id-direttivi taghha jigu debitament u tempestivament obduti imma wkoll li hadd ma jithalla jostakola l-kors tal-gustizzja mill-osservanza taghha.

Din il-Qorti ma taqbilx illi meta l-Qorti tezigi s-serjeta’ fil-kondotta tal-proceduri fosthom l-attendenza tal-kontendenti ghas-seduti – manifestament nieqsa fil-kaz tal-appellanti – hi tkun qieghda timponi xi sanzjoni fil-konfront tal-partijiet. Tkun qieghda biss tapplika r-regola fondamentali tal-procedura illi l-kawza kellha tigi immexxija skond kif stabbilit fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Kienet biss il-parti inadempjenti li ttraskura l-obbligi taghha u illi tigbed fuqha r-rigur

tal-ligi bl-inevitabbli konsegwenza illi ma tkunx ipproduciet il-provi li jidhrilha li kellha d-difiza taghha.

Ghal kull buon fini jigi rilevat illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom l-appellanti ma indikaw l-ebda xhieda in difeza hlief ix-xhieda msemmija mill-atturi ghall-kontro-ezami. Dana mhux biss jissottolineja t-tenwita' tal-aggravju taghhom quddiem din il-Qorti imma wkoll tiggustifika pjenament lill-ewwel Qorti meta cahdet it-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Dan proprju ghaliex ma kien hemm xejn x'jostakola lill-istess konvenuti mhux biss lilu personalment biex jixhdu quddiem l-ewwel Qorti – bhala fatt jigi enfasizzat li mill-verbali ma jidhirx li l-appellanti qatt dehru quddiem l-ewwel Qorti - imma wkoll permezz tal-intervent tal-konsulent taghhom li jaghmlu kontro-ezami proprju lix-xhieda prodotti mill-istess appellati. Dan l-aggravju l-Qorti tqisu bhala assolutament frivolu fic-cirkostanzi u ghalhekk tichdu.

Fir-rigward tal-mertu l-ezitu tal-appell hu allura skontat. Dan proprju ghaliex fl-atti jirrizultaw biss il-provi prodotti mill-appellati. L-ewwel Qorti kienet ghal kollox sodisfatta mill-attendibilita' ta' dawk il-provi. Din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex bla raguni serja tiddisturba l-apprezzament ta' tali provi. Dan apprti l-fatt illi anke din il-Qorti hi sodisfatta illi l-appellati adegwatament ipprovaw il-premessi ghat-talbiet taghhom. Jigi finalment rilevat illi l-appellati eccipew preliminarjament d-deserzjoni tal-appell a tenur tal-artikolu 963 tal-Kap. 12 billi ssottomettew illi l-appellata Marika Vassallo ma kienitx giet notifikata

bir-rikors tal-appell fit-terminu statutorju. L-appellanti kkontestaw din l-eccezzjoni in kwantu jsostnu illi d-deserzjoni ma kienitx avverat ruhha billi huma hallsu zewg notifiki tar-rikors tal-appell u mhux wahda u allura n-nuqqas ta' notifika kienet dovuta ghal zball amministrattiv li kellu jissana d-deserzjoni.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa utili li tinoltra ruhha f'dibattitu dwar din l-eccezzjoni billi kienet sodisfatta illi fil-mertu l-appell ma setax jigi sostnut. Wara li rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi hemm dubbju fir-rigward tas-sostenibbilita' tal-eccezzjoni tad-deserzjoni u tichadha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg mg